# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207


IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

## "M'għandhomx inbid"

Wieħed mill-vanġeli fejn tissemma Marija jirrakkonta l-istorja tat-tieġ ta' Kana. L-inbid hu sinjal tal-ferħ u ta' festa. Marija tinduna bin-nuqqas ta' ferħ f'qalb l-għarajjes waqt il-festa tat-tieġ. Kienet kapaċi tosserva, mhux biex titkaża imma biex tgħin. Kienet kapaċi għall-empatija.



Pjaga kbira ta' pajjiżna hi li nieħdu pjaċir u nħossuna importanti meta nkunu nafu l-'*qoħob*' ta' kulħadd biex ngħidu bihom. Għajnejna jgħarrxu ffissati f'dan u fl-ieħor. Widnejna miftuħa mxennqa li jisimgħu l-makabrità. Ħalqna mejjet biex jirrakkonta u jżid ħa jara l-istagħġib ta' min qed jismagħna.

U f'dak il-ħin ma nisimgħux lil Marija tgħid lil Ġesù: "M'għandhomx inbid". Marija ma tkunx tirreferi għal dawk li fuqhom qed inċaqċqu, imma tkun qed tirreferi għalina, imsieken u bla ħajja, imdejqa u bla sens ta' mħabba, li bħad-dimonju nieħdu l-post tal-akkużaturi u mhux ta' Alla ħanin.



"Morru imlew il-ġarar bl-ilma", jgħidilna Ġesù. Ħabib, dan ir-Radan isma' l-Kelma ta' Alla. U Alla jagħtik l-inbid tal-ferħ. Ma jkollokx iżjed bżonn tinqeda bil-proxxmu biex tħossok sew, iżda tibda taqdi l-proxxmu għax tkun ġa sew f'qalbek.

DIN IL-ĠIMGĦA

## L-EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD

**Mit-Tnejn 18 sal-Ġimgħa 22 ta' Marzu fl-4.15pm minn Mons. Carmelo Mercieca.** Il-fidi tiġi mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Hekk biss nistgħu ngħaddu minn prattika monotona għal relazzjoni ma' Alla. Kulħadd għandu jagħmel minn kollox biex jagħti ħin lil Alla.

Tajjeb tkun taf x'toffri l-Parroċċa:

**KULL ĠIMGĦA**

- **Il-Grupp 23four 15+** it-Tlieta fit-8.00pm
- **Il-Gruppi 23four Forms 3 u 4** l-Erbgħa fis-7.30pm
- **Il-Katekeżi tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma** nhar ta' Ħamis fil-5.30pm
- **Il-Grupp tal-Lectio Divina** nhar ta' Ħamis fis-7.30pm
- **Il-Grupp tal-Form 2** nhar ta' Sibt fis-6.30pm
- **Il-Grupp tal-Abbatini** nhar ta' Sibt fis-7.30pm
- **Quddiesa għall-Familji** u t-tfal b'servizz ta' *child minding* nhar ta' Ħadd fl-10.00am

**KULL XAHAR**

- **Laqgħa għall-ġenituri** tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma l-Ħamis fil-5.30pm
- **Quddiesa għall-familji bit-tfal bl-awtiżmu** s-Sibt fis-7.00pm
- **Il-Grupp tal-Koppji** s-Sibt fis-7.30pm

*Il-Grupp tat-23four 18+ jiltaqa' Malta t-Tnejn fis-7.00pm*

PARROĊĊA SAN ĠORĠ MARTRI

## LOURDES 2019

**PELLEGRINAĠĠ**

**5 SAD-9 T'AWWISSU**



**Il-bookings miftuħin. Ikkuntattjana fuq 21556377 jew 79204434.**




**KRONAKA** **09-03-2019** Nitolbu għal ruħ JOSEPH BUTTIGIEG li miet fl-età ta' 92 sena.

INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

| | |
|---|---|
| 17-03-2019 | Il-Familja Gauci–Cefai |
| 18-03-2019 | Salvu u Carmena Sacco |
| 19-03-2019 | Skont l-Intenzjoni ta' Ġużeppa Xerri |
| 20-03-2019 | Francis Cutajar |
| 21-03-2019 | Il-Familja Farrugia–Galea |
| 22-03-2019 | Maria u Lorenzo Farrugia |
| 23-03-2019 | Ġorġ u Giovanna Grima |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM